MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Numru. 54/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen J. Gatt)**

**vs**

**Jamal Badawi ta‘ 22 sena iben Ragab**
**u Hawa Igadi mwieled Libja**
**fid-19/07/1981 u joqghod**
**50, Apartment numru 2, Triq it-Telgha ta‘**
**B‘Kara, San Giljan ID 23508A maghruf ukoll bhala**
**Gamal RAF El Badawi imwieled Athina**
**fil-1981 li ghandu passaport Libjan**
**li jgib in-numru 210946**

**Illum 26 ta‘ April, 2006.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Jamal Badawi li gie akkuzat talli fil-lejl bejn it-28/11/2003 u 29/11/2003 gewwa l-Imsida ikkommetta serq ta‘ computer u apparat elettroniku iehor li jiswa‘ anqas minn elf lira Maltin mill-fond Gellul House, Triq Testaferrata, Msida ghad-detriment ta‘ Anna Journazi mill-Imsida liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, valur, lok u bil-hin.

Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta‘ sentenza sospiza moghtija fil-7/08/2003 mill-Qorti tal-Magistrati (Mag. Quintano LL. D.) liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta‘ l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezjoni ghall-istess u li wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkonsidrat

Illi l-uniku xhud prodott Omar Hussein Journazzi xehed li hu kien laqa‘ ghandu lil Jamal adawi biex jipprovdilu post fejn jorqod u filghodu sab li kien naqaslu computer, camera u affarijiet ohra mill-kamra ta‘ ohtu, oggetti li fil-fatt kienu jappartjenu lil ohtu. Dan ix-xhud qal li meta heddu cioe lill-akkuzat bil-pulizija, dana ftiehem mieghu li jaghmlu karta ghand l-avukat. Hawn il-Qorti fehmet li kellha ssir xi kostituzzjoni ta‘ debitu. Pero‘ Jamal Badawi qatt ma mar jiltaqa‘ max-xhud biex issir din il-kara.

Ikkonsidrat

Illi ghalkemm huwa ben stabbilit illi xhud wiehed jekk jitwemmen huwa bizzejjed, pero‘ din il-Qorti ma thossx li tista‘ tistrieh fuq ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk tqis li ma gietx sufficjentement pruvata u qed tilliberah mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------